**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Minuti tat-Sebgħa u Erbgħin (47) Laqgħa b'Urgenza tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**Is-Sibt 28 ta' April, 2018, fil-10:30am**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

1. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**
   Kien hemm ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u l-Viċi Sindku Eucharist Camilleri informaw li ma jistawx jattendu. Dawn ġew skużati minn dawk preżenti.
2. **Financial Statements 2017**
   Is-Sindku ta' bidu għal din il-laqgħa li kienet imsejħa biex jiġu approvati l-Audited financial statements għas-sena 2017. Għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-accountant tal-Kunsill – Michelle Camilleri. Is-Sindku spjega li kien hemm xi adjustments zgħar minn naha ta' l-awdituri. Hu kompla jgħid li s-Segretarja ippreparat kollox u intbgħat kull ma intalab minn naha tal-Awdituri. Is-Sindku kien prezenti waqt l-Audit fejn spjega fid-dettal is-sitwazzjoni finanzjarju tal-Kunsill lil Awditur. Prezenti kien hemm ukoll l-Accountant tal-Kunsill u s-Segretarja. L-Accountant spjegat x'adjustments saru fil-Financial Statements fosthom l-ammont tal-143,000 euro li l-Kunsill ircieva f'Diċembru 2017 mill-Ministeru għal Għawdex fuq ir-resurfacing tat-tieni parti tal-Qortin. Dawn daħħlu f'Jannar 2018 peress li l-offerta ġiet awarded f'din is-sena u kif ukoll ix-xogħolijiet ser issiru fis-sena 2018. Is-Sindku spjega li l-awdituri talbu biex dawn jitpoġġew xorta fis-sena 2017. Is-Sindku kompla jgħid li dawn tpoġġew minn naħa tagħna fis-sena 2018 biex il-figura tal-financial Statements 2017 tkun

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

aktar reali. L-Accountant rrispondiet numru ta' mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera preżenti. Wara diskussjoni mal-Accountant dan ġie approvat minn dawk kollha preżenti.

Waqt il-laqgħa ġie maqbul li issir laqgħa tal-Finanzi fis-17 ta' Mejju fil-5:15pm biex jiġu diskussi l-Quarterly reports.

**3. Il- Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00a.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva